

**Talbiet**

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 2018, BTB Holding Investments u Duferco Participations Holding vs Il-Kummissjoni (T-100/17);
- tirreferi lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' din il-proċedura kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Permezz tal-appell tagħhom mis-sentenza T-100/17, l-appellanti jsostnu li, fis-sentenza kkontestata, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat id-dritt għal smiġh xieraq meta ħarġet il-postulat li jgħid, "sabiex jiġi stabbilit li l-Kummissjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni [ekonomika kumplessa] tal-fatti ta' natura li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-provi prodotti mill-appellant għandhom ikunu suffiċjenti biex iċaħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjoni tal-fatti miżmuma fid-deċiżjoni inkwistjoni". L-appellanti jsostnu b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji dwar l-oneru tal-prova u l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Köln (il-Ġermanja) fit-22 ta' Frar 2019 — FZ vs DER Touristik GmbH**

(Kawża C-153/19)

(2019/C 182/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Köln

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: FZ

Konvenuta: DER Touristik GmbH

**Domanda preliminari**

Il-pretensjonijiet ta' vjaġġatur kontra organizzatur tal-ivvjaġġar, taħt kuntratt tal-ivvjaġġar, għal tnaqqis fil-prezz minħabba nuqqasijiet fit-titjira marbuta ma' dewmien tat-titjira jikkostitwixxu pretensjonijiet għal kumpens ulterjuri skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 261/2004<sup>(1)</sup>, u l-kumpens mogħti bħala riżultat tad-dewmien tat-titjira b'applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-Artikolu 7 tar-Regolament jista' jtnaqqas minn dawn il-pretensjonijiet skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament?

---

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).